TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 61/17/F

**Nicolai u Deborah Bonnici**

**vs**

**A.S. Productions**

Illum 9 t'Ottubru, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Marzu, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn ewro (€2,000), rappreżentanti prodott inferjuri tal-video u r-ritratti tat-tieġ tagħhom.

Is-soċjeta' ntimata ma ssottomettietx risposta bil-miktub, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ngaġġaw lis-soċjeta' ntimata bħala photographer u videographer għat-tieġ tagħhom, fejn wara rriżulta li ngħataw prodott inferjuri tal-video u r-ritratti tat-tieġ tagħhom.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata permezz ta' Affissjoni, u msejjħa tliet darbiet, ma dehritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, m'attendietx għas-seduta u lanqas issottomettiet risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti u kif ukoll ra r-ritratti ppreżentati, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn ewro (€2,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**